8 ta' Lulju 2024

Għażiż Azzjonist,

**APS Funds SICAV p.l.c. ('il-Kumpanija') u APS Global Equity Fund ('is-Sub-Fond')**

Għandi pjaċir niktiblek, bħala Chairman tal-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija, bid-dettalji tas-Sittax-il Laqgħa Ġenerali Annwali (il-"**Laqgħa Annwali**") li se ssir nhar it-Tnejn, 22 ta' Lulju 2024 fis-6 ta' waranofsinhar fil- Phoenicia Malta, il-Mall, il-Furjana, Malta. Bħala Azzjonist tas-Sub-Fond li joffri Class A Accumulator Shares u Class B EUR Distributor Shares, intom mistednin sabiex tattendu Laqgħa Ġenerali Staordinarja tal-Kumpanija f'isem is-Sub-Fond (il-'**Laqgħa Straordinarja**') li se sseħħ eżatt wara l-Laqgħa Annwali (flimkien jissejħu '**Laqgħat**'). Biex tevita kull dubju, l-Azzjonisti tal- Class A Accumulator Shares u Class B EUR Distributor Shares tas-Sub-Fond biss huma permessi li jattendu u jivvutaw fil-Laqgħa Straordinarja.

Ngħarrfek li r-reġistrazzjoni tal-Azzjonisti tibda fil-5 ta' waranofsinhar, siegħa qabel il-Laqgħa Annwali.

Ma' din l-ittra hawn mehmuż l-Avviż u l-Aġenda taż-żewġ Laqgħat, kif ukoll il- Formoli ta' Prokura rispettivi. Kopja tad-dokumentazzjoni bl-Ingliż hija mehmuża ukoll.

Matul il-Laqgħa Annwali, id-Diretturi se jaqsmu miegħek ir-riflessjonijiet tagħhom dwar is-sena li għaddiet. Se tingħata wkoll ħarsa lejn il-prestazzjoni tal-APS Income Fund, l-APS Ethical Fund, l-APS Diversified Bond Fund u l-APS Global Equity Fund, kif ukoll lejn l-iżviluppi fis-suq ta' Malta u dawk internazzjonali, minn ReAPS Asset Management Limited (l-'**Investment Manager**').

Fil-Laqgħa Annwali, ir-riżoluzzjonijiet li se jitressqu jkopru l-kors normali tax-xogħol, waqt li fil-Laqgħa Straordinarja, id-Diretturi tal-Kumpanija se jressqu riżoluzzjoni straordinarja dwar tibdil fl-għan tal-investment tas-Sub-Fond għal kunsiderazzjoni tal-Azzjonisti tas-Sub-Fond, waqt li l-Investment Manager se jkun qed jagħti preżentazzjoni sabiex tingħata spjegazzjoni għal din il-proposta.

Il-Bord japprezza li dawn il-Laqgħat huma mezzi ewlenin ta' komunikazzjoni mal-Azzjonisti. Huma wkoll opportunità għalik biex tesprimi l-opinjonijiet tiegħek billi tqajjem mistoqsijiet u tivvota anke jekk ma tistax tiġi għal-Laqgħat personalment. Jekk ma tistax tattendi, tista' tagħti prokura lill-persuna oħra biex teżerċita d-drittijiet kollha jew kwalunkwe dritt li għandek biex tattendi, tivvota u titkellem waqt il-Laqgħat, u dan tista' tagħmlu billi timla l-Formoli ta' Prokura rispettiva li hawn ma' din l-ittra u tibgħathom lura b'mod li jaslu mhux aktar tard mis-6 ta' waranofsinhar ta' nhar is-Sibt 20 ta' Lulju 2024.

Importanti li tkun taf li għal-Laqgħat jitħallew jattendu biss dawk il-persuni li huma inklużi fir-Reġistru tal-Membri tal-Kumpanija jew il-prokuraturi appuntati minnhom.

Apparti milli jagħmlu mistoqsijiet waqt il-Laqgħat, l-Azzjonisti huma mistiedna sabiex jibagħtu bil-quddiem mistoqsijiet li huma pertinenti u relatati mas-suġġetti mniżżla fl-Aġenda tal-Laqgħa Annwali kif ukoll fl-Aġenda tal-Laqgħa Straordinarja. Dawn jistgħu jintbagħtu permezz ta' email fl-indirizz **cosecaps@apexgroup.com**, jew b'ittra indirizzata lill-Bord tad-Diretturi, APS Funds SICAV p.l.c., APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara, Malta, BKR4012 mhux aktar tard mis-6 ta' waranofsinhar ta' nhar is-Sibt 20 ta' Lulju 2024.

Nixtieq, flimkien mal-Bord, nirringrazzja lilek bħala Azzjonist preġjat tagħna tal-appoġġ kontinwu tiegħek u nistenna bil-ħerqa li nilqgħek għal-Laqgħat.

Dejjem tiegħek,
**David Galea Souchet**
Chairman